# AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Mejju 2000 fis-6.00pm
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Ġunju 2000 fis-6.30pm
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Lulju 2000 fis-6.30pm
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Awissu 2000 fis-6.30pm

Il-laqgħa tas-7 ta' Mejju 2000 tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima. Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mitlubin jiktbulna mingħajr dewmien. Agħtu dettalji kemm tistgħu fuq il-grazzja li qlajtu. Tinsewx tibgħatu isimkom, l-indirizz, in-numru tat-telefon. Dan għamluh anke jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fil-fuljett. F'dan il-każ isimkom ma jiġix ppubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, kif ukoll lil dawk li jiġu għal-laqgħat ta' talb, jew jiġu jitolbu matul il-ġimgħa il-Girgenti, biex jieħdu formola ta' applikazzjoni għal sħubija (*Membership*) fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli tistgħu toħduhom mill-Girgenti stess, jew, jekk ma tistgħux tmorru l-Girgenti, iktbu lis-Segretarja tal-Moviment: Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, St. James Street, Siġġiewi.

4. Infakkarkom li ġew ippubblikati seba' kotba, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li fihom tagħrif kemm fuq il-messaġġi li tatna Ġuża u kemm fuq ġrajjiet oħra tal-Girgenti. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu mill-post tal-laqgħat tat-talb jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Għall ħabta ta' Ottubru 2000 ser issir l-elezzjoni għall-Kumitat il-ġdid. Min hu nteressat huwa ġentilment mitlub jikkuntattja xi membru tal-Kumitat.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 42 APRIL 2000 JITQASSAM BLA ĦLAS



**L-istatwa tar-Redentur li hemm quddiem l-inkwadru tal-Madonna fid-dar ta' Ġuża Mifsud.**

"Fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' April 1987, li kienet taħbat il-Ġimgħa l-Kbira għas-Sibt … jiena smajt ħafna affarijiet minn Ġesù mgħobbi s-salib illi qalli: "Binti, inti ħa terfa' dan is-salib fuq spallejk bħalma erfajtu Jiena. Dik l-għuda tas-salib li ħa terfa' inti jiena missejta u berikta qabel terfagħa inti fuqek … għall-maħfra tad-dnubiet ta' artek, il-gżejjer ta' Malta u Għawdex u għall-bżonnijiet ta' ħafna ulied Adam u Eva illi biċċa minnhom għadhom ħafna fid-dnub. It-twelid u l-ħajja li għext Jiena sa tlieta u tletin sena kienu ħafna iebsin, imma l-akbar għebbusija li kelli kienet mingħand Pilatu sal-kalvarju, sa meta ġejt inkurnat bix-xewk u msallab. Il-bniedem li tant għamilt ġid miegħu ħallasni b'ħafna affarijiet ħżiena. Lanqas l-agħar bniedem li ġie fid-dinja ma kellu dina l-moħqrija fuqu, imma Jiena dan għamiltu għaliex dan kien minn Missieri u Jiena għandi nbati u nsofri." *(Silta mis-Seba' Ktieb, paġna 174)*

# DAWRA MAD-DAR TA' ĠUŻA MIFSUD
# (It-tieni parti)

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA

Dik li Ġuża kienet thobb tirreferi għaliha bħala l-kappella tal-Madonna, jiena niftakarha kamra iżgħar milli hija llum. F'din il-kamra niftakar mejda li kienet tintuża bħala artal minn Mons. Salv Grima u saċerdoti oħra li kienu jmorru jqaddsulha, sodda, vetrina żgħira u xi siġġijiet. Kien hemm ukoll l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni peress li f'dan iż-żmien kien għadu ma nħariġx fl-intrata.

Aktar tard, il-ħajt tal-faċċata twaqqa' u l-kamra ġiet estiża biex tinkorpora kmajra oħra warajha li sa dakinhar kellha bieb jagħti għall-bitħa u li kienet tintuża bħala kamra ta' l-imbarazz.

Din il-kamra b'saqaf baxx u kollha ħnejjiet hija fl-opinjoni tiegħi kamra li ma tistax ma togħġobx lil min jaraha. Mal-ħajt tal-faċċata, li kif għadni kemm għedt kienet kamra ta' l-imbarazz, sar artal sabiħ ta' l-injam. Dan l-artal tħallas minn Mons. Salv. Grima, li kien id-Direttur Spiritwali ta' Ġuża, u fuqu tpoġġiet kopja ta' l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Is-sodda u l-vetrina tneħħew, saru xi balavostri u żdiedu s-siġġijiet.

Diversi benefatturi meta kienu jmorru jkellmu lil Ġuża kienu jieħdu magħhom xi rigal. Ġuża qatt ma kienet tkun trid xejn għaliha personali iżda kienet taċċetta dak li n-nies kienu jieħdu magħhom għall-Madonna. Huwa għalhekk li din il-kamra hija miksija bi twapet u miżgħuda b'važuni mimlija bil-fjuri u anka żewġ pjanti kbar, waħda f'kull rokna. Ma setgħux jonqsu wkoll terħa tal-bizzilla u tal-bellus fuq l-artal.

Viċin ta' l-artal hemm żewġ affarijiet li ta' min isemmihom. Wieħed huwa salib kbir li Ġuża kienet kaxkret tul l-għalqa fil-laqgħa li saret il-girgenti f'Mejju 1987. Miegħu kellu marbuta, f'forma ta' ċoff, biċċa drapp sewda għax, skond kif qalet Ġuża, il-Madonna riditha "biex nurihom lin-nies kemm inħobbha lil Malta u kemm għandi qalbi sewda fuq Malta.... Binti agħmel il-kuraġġ u qawwi qalbek, għax ma rridx li tiċċarċar taqtira demm f'Malta, għax jien lil Malta nħobbha."

Aktar tard, f'Ottubru 1989 Ġuża tgħid li kellha viżjoni ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù mgħannqa ma' dan is-salib. Tgħid li Santa Tereża qaltilha: "Fuq dan is-salib agħmel ħafna fjuri, waħda għal kull xahar illi inti għaddejt sa tmut u għadek ħajja."

Viċin ta' l-artal hemm ukoll pultruna li ser insemmiha sabiex ngħid li fuqha Ġuża kienet tqatta' diversi ljieli titlob. Ġieli tant kienet tkun batuta li ma kinetx tkun tiflaħ titla' fuq u kienet tqatta' l-lejl hemm fost tbatija akbar. Ħdejn din il-pultruna hemm ukoll *cassette recorder* kbir li ġie mogħti lilha minn benefattur. Ta' min jgħid li dan ir-*recorder* huwa mimli kollu *stickers* żgħar b'taħżiż jew sinjali fuqhom għaliex wieħed irid jiftakar li Ġuża kienet bniedma bla skola u għalhekk kien ikollha bżonn dawn l-affarijiet biex jiggwidawha meta hija kienet tkun trid tirrekordja xi *cassette* u għalhekk tagħmel użu minn dan l-apparat.

Fuq mejda li hemm f'din il-kamra wieħed jara wkoll tliet statwi żgħar, waħda ta' San Ġużepp, oħra tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-oħra tal-Madonna tal-Ward. Li hemm interessanti dwar dawn l-istatwi huwa li Ġuża kienet tieħu ħafna gost iżżejjinhom bi fjuri żgħar u anki bi ċrieket fuq rashom sabiex bħal tinkurunahom.

Kif għedt qabel, f'din il-kamra hemm diversi ritratti u nkwadri, fosthom dawk ta' ommha Nikolina, missierha Sidor u huwa Karmenu li jinsab mal-Ġiżwiti. Iżda forsi l-aktar li jispikkaw huma tliet *acknowledgments* iffirmati mill-President George Bush. Minkejja s-sempliċità u l-umiltà tagħha, Ġuża kitbet lil diversi mexxejja tal-ġnus fosthom il-Presidenti Reagan, Bush, Gorbachev, Sadam Hussein u oħrajn. Fil-fatt fit-12 ta' Novembru 1989 hija kitbet lill-Presidenti Bush u Gorbachev qabel il-miġja tagħhom f'Malta u fit-8 ta' Jannar 1991 u fis-6 ta' Frar 1991 kitbet lill-Presidenti Bush u Hussein minħabba l-gwerra tal-Golf wara l-invażjoni tal-Kuwajt mill-Iraq. Hawnhekk nixtieq ngħid li sa minn Frar 1987 Ġuża kienet qalet li "minn Malta trid issir il-vera paċi biex tgħaqqad id-dinja kollha."

## IR-REMISSA

Min għandu 'l fuq minn tletin sena għandu mnejn jiftakar bieba ta' din ir-remissa miftuħa b'purtiera quddiemha. Wara li Ġuża ma baqgħetx taħdem aktar fir-raba' hija fetħet naqra ta' ħanut mad-dar. Mill-irċevuti li sibt jidher li kien ħanut sempliċi ħafna u fost l-affarijiet li kienet tbigħ kien hemm buttuni, ħajt, xugamani, luminata, fjuri tal-plastik, lampi tal-pitrolju, affarijiet ta' l-enamel u oġġetti oħra simili. Żgur ukoll li kienet tbigħ il-mirja, u dawn ser inseemihom b'mod partikolari għall-fatt li hi kien jiddispjaċiha għall-istampi ta' nisa mhux libsin onest li kien ikun hemm fuqhom. X'kienet tagħmel? Kienet toqgħod tħażżeż fuq il-partijiet mikxufa sabiex dawn il-mirja ma jkunux ta' dnub għal min kien jużahom. Ta' min jgħid li meta Ġuża pinġiet l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni hija qegħditu proprju f'din ir-remissa, iżda minkejja li ħafna kienu dawk li rawh, ħadd ma kien jaf il-misteru li kien hemm moħbi fih.

F'dawn l-aħħar snin Ġuża kienet tuża l-armarji li kellha f'din il-kamra biex fihom iżżomm kwantità ta' gallettini, ċikkulata u affarijiet oħra tal-ħelu li kienet tixtri kull nhar ta' Sibt. Għalkemm kif għedt aktar qabel, Ġuża ma kienet tkun trid xejn għalina personali u x'aktarx li min kien joħdilha xi ħaġa kienet titlob lill-Madonna tberikha u terġa' tagħtihielu lura, hi dejjem kienet tagħti xi ħaġa tal-ħelu mbierka mill-Madonna lil min iżurha. Żgur li ħafna jiftakruha dieħla f'din il-kamra u ħierġa mgħobbija b'dawn l-affarijiet.

Kien proprju f'din il-kamra li fit-28 ta' Ottubru 1996 Ġuża ħalliet dan il-wied ta' dmugħ. Dakinhar filgħodu kienet uriet ix-xewqa li tmur għand il-*Little Sisters of the Poor* minkejja li sa dakinhar dejjem kienet kontra li toħroġ mid-dar anki għar-raġunijiet ta' saħħa. Ġew ikkuntattjati s-*Sisters* ftit qabel nofs inhar u sas-2.30 p.m. kellha l-konferma li kienu lesti li jilqgħuha għandhom. Madankollu għall-ħabta tat-3.30p.m. x'ħin daħlet f'din il-kamra ħassha ħażin u waqgħet ma l-art. Meta ġiet f'sensiha ġiet imtellgħa fuq is-sodda u sa' t-3.45pm kienet tat l-aħħar nifs bl-akbar serenità. Kif qal Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus, waqt il-funeral ta' Ġuża: "... proprju meta

qiegħda tipproġetta biex tmur f'dar ta' l-anzjani qisu l-Mulej riedha tibqa' f'darha, proprju meta ser tmur il-Mulej sejħilha għal ħdanu, imma hi laqgħet il-mewt bl-akbar serenità, u hija haġa ovvja, għaliex Ġuża ma kellhiex rabtiet mad-dinja. Il-qaddisin ma jkollhomx rabtiet mad-dinja, m'hu ser iħallu xejn warajhom."

Min jaf kemm mijiet ta' nies żaru din id-dar, nies li kienu jmorru għand Ġuża bi problemi kemm materjali kif ukoll spiritwali. Anki wara mewtha din id-dar infetħet kemm-il darba għal dawk li xtaqu jżurha. Għalkemm rigward ċertu affarijiet jiena miniex xi awtorità biex nagħti ġudizzju iżda madankollu nista' ngħid b'ċertezza li kull min daħal f'din id-dar kulħadd ħareġ xi ftit jew wisq mibdul. J'Alla l-paċi tal-qalb u s-serenità, li wieħed iħoss f'din id-dar, ikomplu jgħinuna nagħrfu aktar lil Alla u ngħixu lkoll ta' vera aħwa fil-Mulej.

***Dr. Sylvana Spiteri***

# IL-21 TA' NOVEMBRU

**(biex jitfakkar mill-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni)**

F'dan il-Jum tal-21 ta' Novembru, sa mis-sena 543, aħna u l-Insara Orjentali niċċelebraw il-Konsagrazzjoni ta' Marija lil Alla. Sallum għadna nfakkru d-dedikazzjoni tal-knisja ta' Santa Marija l-Gdida, mibnija qrib it-tempju ta' Ġerusalemm. din il-festa tal-"Konsagrazzjoni" ta' Marija lil Alla ma tfissirx haġ'oħra ħlief kemm tassew il-Madonna, sa minn ċkunitha, tat lil Alla lilha nfisha kollha kemm hi, imqanqla mill-Ispirtu s-Santu, li mlieha bil-grazzja tiegħu fit-tnissil tagħha bla tebgħa. Għaldaqstant il-Konsagrazzjoni tagħha lil Alla hija l-qofol u l-fundament tal-Festi kollha kbar ta' Marija: it-tnissil tagħha bla Tebgħa (l-Immakolata), it-Twelid tagħha u t-Tlugħ tagħha fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

Kellha tassew raġun Ġuża Mifsud thambaq kemm tiflaħ li l-Madonna kienet tqis bħala l-aktar għal qalbha dan it-Titlu tal-"Konsagrazzjoni". U jiena nifhem li, meta jinbena s-Santwarju tal-Girgenti, jekk irridu nżommu t-Tradizzjoni, m'hux biss tal-Knisja Kattolika Latina, imma wkoll ta' dik Orjentali, għandna nibqgħu niċċelebraw dan il-jum tal-21 ta' Novembru bħala l-Festa Solenni tiegħu. Anzi, nħoss li dan il-Jum għandu jkun ukoll dak li jqanqalna għall-Unità tal-Knejjes.

***Mons. Amante Buontempo***
***Direttur spiritwali u***
***ko-fundatur tal-Moviment***



# IL-5 TA' MEJJU 1986

Għaddew erbatax-il sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Minn dak in-nhar dan il-post ġa magħruf għas-sbuħija naturali tiegħu, kompla jistagħna bit-talb li kontinwament isir quddiem l-istatwa tal-Madonna. Tista' tgħid li titla' x'ħin titla' dejjem issib lil xi ħadd qiegħed jagħti ġieħ lil Alla permezz ta' Ommna Marija.

Dawn li ġejjin huma xi siltiet li Ġuża tgħid li qaltilha l-Madonna dwar l-istatwa tagħha fil-Girgenti:

"Binti, jiena għall-imħabba tal-Mulej ħa nroddlok ħajr għal dawk it-tbatijiet enormi li ilek tbati minn żmien il-ħamsinijiet.... Inti taf illi meta tellajtni kellek dawk il-problemi kollha, imma akkost ta' dawk il-problemi kollha illi jiena lanqas tajtek ċans illi inti tkun taf bihom biex inti ma tithawwadx, biex inti ma tinkwetax, xorta tellajtni b'ħafna kuraġġ u qalb. F'dawk il-ħinijiet kienu għaddejjin ħafna affarijiet kontrik, imma dan ħadd ma seta' jagħmillek xejn għax fin-nofs kien hemm jiena u jiena, għidtlek: 'Binti, tinkwieta xejn għax dak li ppredestina Alla u qegħda nwassalulek jiena, dan kollu ħa jsir u ħadd ma jista' jagħmel xejn kontrieh.'

U jiena għedtlek illi jekk inti ma ttellax l-istatwa tiegħi fil-ġurnata ippredestinata illi jiena għedtlek, wara nofsillejl kellu jinqala' ħafna inkwiet u *trouble*, u t-*trouble* ma kienx ħa jkun żgħir, imma kien ħa jkun kbir ħafna għaliex kważi nofs id-dinja kienet ħa thossu. Imma inti sfurzajt, għamilt minn kollox u dina l-istatwa tiegħi illi jiena ridt, inti tellajtha b'tant qalb. Għalik il-Madonna hija l-ewwel u qabel kollox, u dana ġej minn Alla illi jiena wassaltlek dan il-messaġġ li tant hu kbir, tant hu delikat....

Jiena ħa ngħidlek, binti, illi mill-ewwel darba li inti tellajtni fil-5 ta' Mejju tas-sena 1986 ħadd u ħadd ma jaf il-ġid kbir li sar f'ħutkom, f'ħafna erwieħ illi kienu 'l bogħod mill-Mulej, illi kienu 'l bogħod minn Ġesù ta' l-Ewkaristija, daka jafu l-Mulej, jafu Ġesù ta' l-Ewkaristija u nafu jiena u ħa nġagħlek tifhem ftit inti wkoll x'sar hemm fuq. Dana hemm fuq saru mirakli kbar qalb ħafna erwieħ illi dawn l-erwieħ bħalma għedtlek ftit ilu kienu erwieħ tal-bronż, erwieħ li ma jagħrfux lil Alla. Dawn telgħu hemm fuq, qegħdin jitilgħu hemm fuq anka x'ħin isir il-ħin tad-dalma tal-lejl biex hemmhekk jitolbu lili u m'humiex jiġu jħabbtu lilek għaliex inti għedtilhom illi m'għadekx tiflaħ....

Dik l-istatwa illi inti tellajt fil-Girgenti ... allavolja hemm min jgħid kemm hija kerha u kemm hija sabiħa, dan ma jimpurtax, ħadd ma jista' jġib ir-ritratt tiegħi. Imma f'dik l-istatwa tiegħi jiena qegħda nniżżel ħafna u ħafna grazzji u ħa ngħidlek, binti, li kkonvertew ħafna erwieħ kemm mill-art fejn toqgħod inti ta' Malta u Għawdex u anka barranin. U dana ħa nibqa' nagħmlu anka meta inti tgħib għal dejjem minn din id-dinja, nagħmlu kemm f'dak il-post tal-Girgenti u anka fid-dar fqira tiegħek, permezz ta' dawn id-dħriet li jiena għamiltlek u issa li smajt lill-Mulej...."

Fil-laqgħa minnhom Ġuża qalet, "U għalhekk ħa ngħidilkom, ħbieb, biex dina l-istatwa tal-Madonna illi qegħda poġġuta kif riedet hija f'dawk l-inħawi tal-Girgenti, itolbuha bil-qalb, itolbuha bl-akbar sagrifiċċju, li tkunu thossu quddiemha li minnha ħa

taqalgħu żgur, jekk ma tarawx li tfiqu fil-ġisem materjali tagħkom ħa takkwistaw xi ħaġa spiritwali fir-ruħ tagħkom. U għalhekk mieghi għidu dan is-salm illi riedet u qaltli hi: Madonna tal-Girgenti, aħna li qegħdin nitolbuk b'ħafna kuraġġ, b'ħafna sabar, b'ħafna qalb kbira, aħna li ġejna minn ħafna bogħod għamel lilna u l-familji tagħna kuntenti. Ta' dan ngħidulha grazzi lill-Madonna għal dan kollu li qed tagħmel magħna."

# GRAZZJI MAQLUGĦA

### V.G. minn Birżebbuġa:

Qegħda nikteb biex publikament nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġuża Mifsud qlajt xi grazzji li għalija jfissru ħafna. F'xi okkażżjonijiet kont qegħda naħseb li se jinqalgħali xi nkwiet fil-familja. Iżda wara li tlabt dejjem għadda kollox b'wiċċ il-ġid.

### J.C. mill-Pietà:

Jiena nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qlajt fuq ibni Franco.

### G. Mamo minn Ħ'Attard:

Qed nikteb biex ngħarrafkom li qlajt grazzja bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud.

### Ittra lill-Madonna tal-Girgenti:

Jiena ġejt hawnhekk biex nitlob grazzja kbira għax għandi marda serja. L-operazzjoni għamiltha u ħriġt mill-isptar. Issa waslu r-riżultati u jidher li l-marda għadha hemm b'xi traċċi żgħar.

Jiena nħoss li l-grazzja xorta waħda qlajtha iżda nixtieq li l-Madonna tibqa' titlob għalija għax issa aktar għandi bżonn.

Jiena għandi fiduċja kbira fil-Madonna u jekk ma tistax tgħinni almenu tagħtini s-saħħa biex niġġieled il-marda li għandi. Grazzi Madonna.



### Josephine minn Ħal-Lija:

Jiena ġejt hawnhekk biex nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, wara l-Mulej, għall-grazzja li qlajt għax kelli sist kbira u waqt li ġibduha bis-siringa qaluli, "Irringrazzja lill-Mulej".

Dak il-ħin jien kont qiegħda nitlob lill-Madonna tal-Girgenti. Grazzi bil-wisq ja Omm tiegħi tas-sema.

### V. Grixti minn B'Buġa:

Qegħda nikteb biex ngħidlek li bltrċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud, qlajt żewġ grazzji.

In-neputija tiegħi kienet qegħda tistenna l-ewwel tarbija. Darbtejn kienet ser titlifha. Tlabt lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud u t-tqala kompliet. In-neputija issa għandha t-tarbija li tant xtaqet.

Grazzja oħra li qlajt kienet din. Xi sentejn ilu kelli nagħmel żewġ operazzjonijiet biex jitneħħa musmar li kelli. Kont inkun muġugħa ħafna. Darba ħassejt li dan il-musmar kien ser jerġa jitfaċċa. Għamilt l-ilma minn tal-Girgenti u tlabt biex jerġa' kollox lura. Il-grazzja qlajtha u sa l-għada kien kollox sewwa.

### D. Bonello minn Ħaż-Żabbar:

Kważi sentejn ilu, l-mara ta' ħija bdiet tħossha ftit mhux bħas-soltu. Marret għand it-tabib u għand Professur u dan qalilha li għandha bżonn tagħmel operazzjoni. Meta fetaħha sab *cancer* mifrux u reġa' għalaq. Qalulna li ma hemmx ħajja twila, l-aktar ħames xhur. Bdiet it-triq tat-tbatija.

Aħna mill-ewwel irrikorrejna lejn Alla. Ma qtajniex qalbna, anzi dejjem żidna fit-talb. Barra li tlabt lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, lil Dun Ġorġ Preca u lil Padre Pio, ħassejt u ddeċidejt li nżid lil Ġuża Mifsud biex tinterċedi għalina ħalli naqilgħu grazzja hekk kbira.

Bdiet tieħu l-kura l-spitar. Aħna bdejna narawha ġejja 'l quddiem u qatt ma kienet tgħid ajma waqt li kienet għaddejja minn dan il-proċess. Wara l-kors tat-titqiba marret għal *check-up* u t-tabib qalilha, "Donnu seħħ miraklu fuqek, tidher tajba". Hi saret taf x'kellha wara u għall-ewwel ma riditx temmen.

Nieħu din l-opportunità biex ngħid grazzi wkoll lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud.